fi compass FK

*avvanz bl-istrumenti finanzjarji tal-FSIE*



# Il-Fond tal-Koeżjoni

## Strumenti finanzjarji

Il-Kummissjoni Ewropea

Bank Ewropew tal-Investiment

il-bank tal-UE

**Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni huma mod sostenibbli u effiċjenti biex wieħed jinvesti fit-tisħiħ tal-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali tal-Unjoni Ewropea. Dawn jistgħu jappoġġjaw firxa wiesgħa ta' netwerks ta' trasport trans-Ewropew u proġetti relatati mal-enerġija jew trasport li minnhom jibbenefika l-ambjent, bil-potenzjal li l-fondi jerġgħu jiġu wżati għal investimenti ulterjuri.**

Il-Fond ta' Koeżjoni (FK), wieħed mill-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej, jinkuraġġixxi investimenti f'netwerks ta' trasport trans-Ewropew ta' prijorità u investimenti relatati mal-enerġija jew it-trasport li minnhom jibbenefika l-ambjent f'termini ta' enerġija effiċjenti, użu ta' enerġija rinnovabbli, żvilupp ta' trasport u appoġġ ta' trasport intermodali.

Il-FK għandu baġit globali ta' €63 biljun għal perjodu bejn l-2014-2020. Dan l-appoġġ huwa provdut lill-Istati Membri li d-Dħul Gross Nazzjonali għal kull abitant huwa anqas minn 90 % tal-medja tal-UE. Għal perjodu bejn l-2014-2020, il-Fond ta' Koeżjoni se jkun disponibbli fil-Bulgarija, Kroazja, Ċipru, Repubblika Ċeka, Estonja, Greċja, Ungerija, Latvija, Litwanja, Malta, Polonja, Portugal, Rumanija, Slovakkja u Slovenja.

Bejn l-2007-2013, l-istrumenti finanzjarji ma kinux ġew użati taħt il-Fond ta' Koeżjoni. Madanakollu, wara li ġew rikonoxxuti l-vantaġġi tal-appoġġ permezz tal-istrumenti finanzjarji, dan il-mod kif jiġi provdut l-appoġġ huwa issa disponibbli taħt il-FK.

**Strumenti finanzjarji**

- huma mistennija li jiġu mħallsa lura;
- huma rotanti i.e. il-fondi mħallsa lura jerġgħu jintużaw għal darboħra fl-istess żona;
- huma addattati għall-proġetti finanzjarjament vijabbli, i.e. dawk li huma mistennija li jiġġeneraw biżżejjed qligħ jew tfaddil sabiex jitħallas lura l-appoġġ li ġie mirċievi;
- huma mfassla biex jattrattaw ko-investiment minn sorsi oħra, li jinkludu investiment privat, biex jiżdied l-ammont ta' fondi disponibbli, speċjalment f'setturi/oqsma fejn hemm problemi fl-aċċess għall-finanzi;
- jistgħu jieħdu l-forma ta' self, garanziji jew ekwitajiet;
- jistgħu wkoll jappoġġjaw żvilupp tat-tip 'Supply side', billi jikkontribwixxu għall-iżvilupp tas-suq;
- jistgħu jiġu wżati b'mod komplimentari mal-għotjiet; u
- jistgħu jkunu amministrati minn banek nazzjonali jew reġjonali, organizzazzjonijiet internazzjonali bħal m'huwa l-Bank Ewropew għall-Investiment jew l-Fond Ewropew għall-Investiment, minn intermedjarji finanzjarji, u (għas-self u garanziji biss) minn awtoritajiet maniġerjali.

Strumenti finanzjarji jistgħu jkunu ko-finanzjati mill-Fond ta' Koeżjoni biex **jappoġġjaw l-prijoritajiet ta' investiment kif deskritti fil-programmi operazzjonali tal-FK** tal-Membri Stati tal-UE. Strumenti finanzjarji jistgħu jiġu wżati fl-aktar oqsma koperti, sakemm dawn jindirizzaw **Il-Vojt identifikat fis-suq**, i.e. oqsma fejn il-banek mhumiex lesti li jsellfu u/jew fejn is-settur privat mhux lest li jinvesti.

Strumenti finanzjarji b'hekk jistgħu jikkontribwixxu għall-kisba ta' dawn l-objettivi tal-FK:

- promozzjoni tal-produzzjoni, distribuzzjoni u użu ta' enerġija derivat minn sorsi rinnovabbli;
- appoġġ ta' enerġija effiċjenti u mmaniġjar ta' enerġija aktar intelliġenti;
- investiment fis-settur tal-iskart u fis-settur tal-ilma;
- titjib fl-ambjent urban, li jinkludi dekontaminazzjoni tas-siti abbandunati;
- appoġġ ta' Żona Unika Ewropea tat-Trasport multimodali;
- żvilupp u titjib ta' sistemi ta' trasport b'emissjoni ta' karbonju baxx (inklużi dawk bi ħsejjes baxxi) li huma favur l-ambjent sabiex tiġi promossa l-mobiltà reġjonali u lokali sostenibbli;

- żvilupp u aġġornament komprensiv, ferroviji ta' kwalità għolja, trasport fix-xmajjar u fuq il-baħar, sistemi ta' trasport intermodali u l-interoperabbiltà tagħhom.

**Firxa wiesgħa ta' strumenti finanzjarji appoġġjati mill-FK** jistgħu jiġu implimentati.

- **Self**, li jista' jkun disponibbli fejn m'hemm ebda self ieħor offrut kummerċjalment (eż. mill-banek), jew jista' jkun b'termini aħjar (eż. b'rati ta' interess aktar baxxi, perjodi ta' ħlas lura itwal, jew b'anqas rekwiżiti kollaterali). Per eżempju, self fuq perjodu twil ta' żmien jista' jiffinanzja investiment biex tittejjeb infrastruttura ferrovjarja u jitnaqqsu l-ħinijiet tal-vjaġġi jew sabiex jiġu aġġornati l-passaġġi tal-ilma interni u tiżdied il-kapaċità tat-trasportazzjoni bix-xmajjar.

- **Garanziji**, fejn tiġi mogħtija assigurazzjoni lill-mutwanti li l-kapital tagħhom jiġi mħallas lura jekk xi mutwatarju jonqos f'xi self. Dan jista' jiftaħ l-aċċess għall-self kummerċjali għall-investimenti li b'mod ieħor, il-mutwanti jikkunsdrawh bħala riskjuż wisq. Per eżempju, kumpanija ta' servizz ta' enerġija (ESCO – organizzazzjoni speċjalizzata fis-soluzzjonijiet tal-enerġija u metodi innvotivi finanzjarja) tista' tintuża sabiex tibdel id-dwal tat-toroq għal konsum aktar baxx tal-elettriku, b'hekk telimina b'mod gradwali teknoloġija li tniġġes lill-ambjent u tnaqqas l-infieq tal-manteniment.

- **Ekwità**, fejn il-kapital jiġi investit bħala korrispettiv għall-pussess totali jew parzjali ta' ditta jew vettura ta' investiment; l-investitur ekwu jista' jassumi xi kontroll maniġerjali u jista' jaqsam il-profitti tad-ditta. Il-qligħ jiddpendi fuq it-tkabbir u l-profitabbiltà tan-negozji u tinkiseb meta l-investitur jbiegħ is-sehem tiegħu tan-negozju ("ċessjoni") lill-investitur ieħor jew permezz ta' offerta inizjali għall-pubbliku (OIP). L-ekwità hija l-aktar relevanti f'attivitajiet b'riskju għola bħal m'huma proġetti jew operazzjonijiet ta' kostruzzjoni (bħall-mini jew pontijiet) fejn parti mill-ispejjeż jiġu koperti mill-pedaġġi.

Strumenti finanzjarji jistgħu jiġu offruti wkoll flimkien ma' għotjiet. Ħafna drabi huwa bżonnjuż li wieħed itejjeb il-prontezza tal-investiment ta' proġetti bħala pre-rekwiżit sabiex tatratta fondi ta' investiment. Konsulenzi u appoġġi oħrajn jistgħu jiġu mogħtija permezz tal-FK.

Strumenti finanzjarji ko-finanzjati mill-FK jistgħu jikkontribwixxu għall-iżvilupp fit-tul tal-Istati Membri koperti mill-Fond ta' Koeżjoni billi jiġu appoġġjati proġetti f'oqsma fejn il-livell ta' investiment huwa subottimali u hekk jiġi stimulat l-iżvilupp ta' proġetti kummerċjalment vijabbli; b'hekk jinfetħu opportunitajiet ġodda fis-suq. Dan jista' joħolq opporutnitajiet għall-investituri u intermedjarji finanzjarji. L-aċċess għall-finanzi kien tipikament iktar għoli u diffiċli f'Membri Stat anqas żviluppati.Madanakollu, xi proġetti jistgħu jsiru investimenti aktar attraenti minħabba strumenti finanzjarji appoġġjati mis-settur pubbliku u minħabba l-kondiviżjoni tar-riskji relatati.

## Għal aktar informazzjoni

Għal aktar infomrazzjoni dwar l-istrumenti finanzjarji u politiki ta' koeżjoni:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/docgener/informat/2014/financial_instruments_en.pdf

Għal gwida ta' referenza għall-awtoritajiet maniġerjali dwar l-istrumenti finanzjarji fi programmi tal-FSIE:
http://ec.europa.eu/regional_policy/sources/thefunds/fin_inst/pdf/fi_esif_2014_2020.pdf

Għall-informazzjoni dwar il-metodoloġija ta' valutazzjoni ex ante għall-istrumenti finanzjarji:
http://ec.europa.eu/regional_policy/en/funding/financial-instruments/

Għas-sit elettroniku tal-'fi-compass', il-pjattaforma tas-serivzzi konsultattivi dwar l-istrumenti finanzjarji taħt l-FSIE:
http://www.fi-compass.eu/

Għall-legislazzjoni tal-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej:
http://ec.europa.eu/regional_policy/mt/information/legislation/regulations/

Għal aktar informazzjoni dwar ir-Regolamenti tal-Fond ta' Koeżjoni:
http://eur-lex.europa.eu/legal-content/MT/TXT/?uri=CELEX%3A32013R1300

**www.fi-compass.eu**
**contact@fi-compass.eu**
© EIB (2015)

**European Commission**
Directorate-General
Regional and Urban Policy
Unit B.3 "Financial Instruments and IFIs' Relations"
B-1049 Brussels

**European Investment Bank**
Advisory Services
fi-compass
98-100, boulevard Konrad Adenauer
L-2950 Luxembourg